# IL-KNISJA MATRIĊI TA' S. LAWRENZ U L-KAVALLIERI TA' S. ĠWANN FIS-SEKLU SBATAX

mill-Kan. Ant. Zammit Gabarretta

Il-Knisja ta' S. Lawrenz tal-Belt Vittoriosa tfakkarna fi żmien il-Kavallieri ta' l-Ordni ta' S. Ġwann u fir-rebħa ta' l-Assedju l-Kbir tat-Tmienja ta' Settembru 1565. Dan ma jfissirx li meta fl-1571 il-Kavallieri marru joqgħodu fil-Belt Valletta, il-Knisja storika ta' San Lawrenz tilfet is-sbuħija ta' ġrajjietha minsuġa ma ġrajjiet gżiritna.

Ukoll wara li l-Gran Mastri ta' S. Ġwann kienu marru joqgħodu l-Belt Valletta, huma baqgħu jħarsu b'qima lejn din l-ewwel Knisja Konventwali tagħhom f'Malta. Mal-ħatra tiegħu bħala Gran Mastru, Antoine de Paule, għamel l-ingress uffiċjali tiegħu fil-Birgu fid-9 ta' Ġunju 1624, li ntemm bil-kant ta' Te Deum solenni fil-Knisja ta' S. Lawrenz.(1) Hekk għamlu wkoll it-tmien Gran Mastri li nħatru warajh fis-seklu sbatax. Baqa' jissemma l-ingress tal-Gran Mastru Spanjol Ramon Perellos fl-10 ta' Awissu 1697.(2) Ta' mexxej għaqli li kien, dak il-Gran Mastru għaraf ilaqqa' l-ingress tiegħu fil-Birgu mal-jum għażiż għan-nies ta' din il-Belt, li fih kienu qegħdin jinawguraw il-bini tal-Knisja l-ġdida ta' San Lawrenz li għadha sallum:

"Ġieħ ta' din Beltna w għaxqa tan-nies tagħha".

Il-Gran Mastri ta' l-Ordni ta' San Ġwann kienu jieħdu ħsieb jagħżlu l-predikatur ewlieni li kellu jippriedka fil-Knisja ta' San Lawrenz fil-Ħdud ta' l-Avvent u tar-Randan u fi btajjel liturġiċi oħra. Fl-1627, kien qam xi ftit ta' nkwiet bejn il-Gran Mastru Antoine de Paule u l-Isqof Cagliares fuq din il-għażlia (3) w il-Kardinal Barberini qabbad lill-Inkwiżitur Visconti biex jistħarreġ sewwa l-kwistjoni.(4) L-Inkwiżitur għamel dan, u fl-4 ta' Frar 1628, il-Kardinal Ludovici di S. Sisto kiteb lill-Mons. Visconti fejn qallu li l-Gran Mastru għandu jkompli jagħżel huwa l-predikatur ewlieni tal-Knisja ta' San Lawrenz.(5)

Il-Gran Mastri kienu jagħżlu wkoll l-organisti ta' l-istess knisja. Fit-22 ta' Ottubru 1642, il-Kardinal ta' Sant'Onofrio kiteb lid-Delegat Appostoliku f'Malta, Mons. Gori Pannellini biex jagħtih tagħrif dwar din il-għażla li kien jagħmel il-Gran Mastru.(6) Mit-tagħrif li ġabar Mons. Pannellini nsibu li fl-1600 l-orgni qadim tal-Kattedral tqiegħed fil-Knisja ta' S. Lawrenz, iżda fl-1608 in-nies tal-Birgu xtraw orgni ġdid għall-Knisja tagħhom. Dun Pawl Tabone kien l-organista tal-Knisja fil-bidu tas-seklu sbatax; warajh intgħażlu Dun Ġużepp Zahra (1602-1622), Dun Xmun Borg, li wara mpjega ruħu fil-Knisja ta' S. Ġwann u Dun Klement Moreo (1628-1622). Jissemmew ukoll

bħala organisti tal-Knisja ta' S. Lawrenz Dun Ġużepp Balzan (1641) u Giovan Battista Santa Maura (1621), li qabel kien ikanta "Soprano" fil-Knisja Konventwali ta' S. Ġwann. Matul is-seklu sbatax, l-organista tal-Knisja ta' S. Lawrenz kien jitħallas mill-Università tat-Tlett Ibliet bl-awtorità tal-Gran Mastru, kif baqa' jsir sa ma l-Kavallieri telqu minn Malta(7).

Dan l-interess li l-Gran Mastri ta' l-Ordni ta' S. Ġwann baqgħu jieħdu fil-knisja ta' San Lawrenz juri f'liema qima kienet miżmuma din il-Knisja matul is-seklu sbatax. Mhux ta' b'xejn il-Prepostu Dun Filippu Borg fl-att pubbliku li għamel fid-9 t'Awissu 1646 quddiem in-Nutar Mario Attard ried li l-kolleġġjata tiegħu tittieħed f'din il-Knisja. "Għax kien qed jara u jifhem lil-Belt Vittoriosa fil-gżira ta' Malta, imqegħda fil-qalba ta' l-Ibliet Valletta, Senglea u Bormla, hemm fiha għadd kbir ta' nies għorrief, Kavallieri, nies nobbli u neguzjanti u rġiel imżejna bid-dehen tas-snajja' u bil-ġid ta' familji għonja. . . . Belt fejn kellhom id-djar tagħhom l-Isqof ta' Malta, Monsinjur l-Inkwiżitur u l-Università tat-Tlett Ibliet; waqt li l-Knisja Parrokkjali kellha bini kbir li jesa' ħafna nies u kienet mgħonija sewwa bl-ilbies għall-funzjonijiet liturġiċi, b'orgni u b'dak kollu meħtieġ għal-liturġija mqaddsa, fuq kollox kellha għadd ġmielu ta' ministri jaqdu l-Knisja, kantanti w organisti, u ħafna nies kienu ta' sikwit imorru jżuruha".(8) Il-Gran Mastru Lascaris kien ta' l-istess fehma u mhux darba u tnejn kiteb lil D'Evieu, l-Ambaxxatur tiegħu f'Ruma fuq hekk. "Aħna nixtiequ ħafna li dan jitwettaq għall-ġieħ ta' l-imsemmija Belt Vittoriosa li darba kienet il-kenn ta' l-Ordni tagħna u speċjalment tal-Knisja ta' S. Lawrenz li kienet ukoll il-Knisja Konventwali tagħna".(9) Ix-xewqa tal-Gran Mastru Lascaris ma seħħetx għax il-Gran Mastru miet ftit xhur wara fl-14 ta' Awissu 1657.

Sentejn wara, fl-1659, it-Tabib Giovan Maria Abela ħalla ġidu lill-Knisja ta' S. Lawrenz biex din titwaqqaf kolleġġjata. Din id-darba ukoll niltaqgħu ma kbarat ta' l-Ordni ta' S. Ġwann jinteressaw ruħhom fil-Knisja minsuġa ma' l-għeżeż tifkiriet ta' l-Ordni tagħhom. Il-Gran Prijur ta' Franza, il-Kavallier Vallancay, kiteb bosta drabi lill-Kardinal Barberini biex jirrikmanda t-twaqqif ta' din il-Kolleġġjata.(10) Id-diffikultajiet ma naqsux; il-kolleġġjata baqgħet ma twaqqfitx fis-seklu sbatax.

Iżda t-tmiem tas-seklu kellu jġib miegħu għan-nies tal-Belt Vittoriosa, ferħ ta' xeħta oħra. Il-ġenju tal-Vittorjożan Lorenzo Gafà ħaseb id-dehra sabiħa tal-Knisja l-ġdida li nfetħet uffiċjalment fl-10 t'Awissu 1697. Għal dik l-okkażjoni nġabru fit-tempju Lawrenzjan il-Gran Mastru Perellos, id-Delegat Appostoliku Mons. Tumas Ruffo u l-Isqof ta' Malta Mons. Cocco Palmeri. L-ewwel parroċċa ta' Malita wara l-Kattidral, li fi ġrajjietha kellha tkun ukoll il-Knisja Konventwali tal-Gran Mastri ta' S. Ġwann u tad-Delegati Appostoliċi Inkwiżituri f'Malta, dehret tassew imsebbħa bis-sbuħija li tixirqilha f'dak il-jum meta s-seklu sbatax kien riesaq lejn it-tmiem.

**Riferenzi**

1. Bibljoteka Nazzjonali, Arch. 255 f.42
2. Ibid. Arch. 265, f.148
3. Ibid. Arch. 256, f.64
4. Arkivju Kapitulari Vittoriosa — Cartolaro I, 11, f.48-71
5. Bib. Nazz. Ms. 371 p. 15, not 85
6. A.K.Vitt. — Cart. I, 1, f.67
7. A.K.V. — Cart. I, 111, f.81
8. A.K.V. — Cart. I, 111, f.81
9. Bib. Nazz. Arch. 1433, f.28, 69-70
10. Bibljoteka Vaticana: Fondo Barberini Latino, Ms. 6698, f.48, 51

Nirringrazzjaw lil kull min għen fil-ħarġa ta' dan il-Programm speċjalment lill-Ħwienet tal-Parroċċa, Ditti u Ħwienet oħra, nawguraw

**IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD**

**LAWRENCE GRECH**

**Est. 1967**

**GOLD, SILVER AND COPPER ELECTRO PLATING**

**GOLD, SILVER AND OTHER METAL REPAIRER**

15, Ninu Cremona Street, Poala

(CORNER WITH POALA SQUARE)

Tel: 804137

**Awguri lil Vittoriosani kollha**